**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 15

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020

Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti ta' COVID-19, il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn fl-4.00 ta' wara nofsinhar b'permezz ta' *Microsoft teams*. Din il-laqgħa saret onlajn in-regola ma' Direttiva 2/2020.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 14

15.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erbatax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

15.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

15.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn dawn il-minuti ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jiffirmaw il-minuti.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku fetaħ din it-tema billi għamel dikjarazzjoni li kienet tgħid hekk: "Nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' kulħadd u nuri d-diżappunt tiegħi bħala Sindku responsabbli mill-operat kollu tal-Kunsill għall-inċident dwar imejl mibgħuta lis-Segretarju Eżekuttiv fejn ingħatat ultimatu li jekk ma jseħħx dak mitlub sad-data indikata, jiġi rrapurtat lid-Direttur u lid-Direttur Ġenerali. Nitlob biex dawn l-inċidenti ma jsirux għax b'hekk inknunu qed inxekklu l-ħidma tal-individwu lejn il-kunsill u l-lokal. Nitlob ukoll għall-aktar rispett u etika lejn xulxin. Irridu niftakru li s-Segretarju Eżekuttiv hija persuna responsabbli ta' xogħlha u tagħti xogħol b'effiċjenza massima kultant anke b'sagrifiċċju personali." Is-Sindku qal li huwa qed jistenna li nċidenti bħal dan ma jerġax jiġru.

15.3.2 Is-Sur Dalli rringrazzja lil Onorevoli Clayton Bartolo li għoġbu jgħin lil kunsill billi selfu numru ta' nies biex jgħinu fit-tindif tar-raħal. Huwa rringrazzjah ukoll tal-inizjattiva li huwa ħa mal-kunsill lokali billi nxtgħel it-Torri bil-kulur f'jum partikulari bħala simbolu ta' grazzi għad-dipartiment tas-saħħa, tobba, nurses u dak kolla li taw sehem kbir biex titnaqqas il-pandemija ta' COVID-19.

15.3.3 Is-Sindku qal kif flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu stedina oħra għand Infrastructure Malta fejn iltaqgħu mas-Sur Fredrick Azzopardi biex tiġi ċċaratha darba għal dejjem il-kwistjoni ta' Triq il-Kbira u fejn ser isir ir-resurfacing eżatt. Kien hemm qbil li Triq il-Kbira ser issir bit-tarmac u s-servizzi kollha kif kien talab li jsir il-kunsill, minn Pjazza Trasfigurazzjoni sa fejn l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq Annibale Preca. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lil Ministru Zammit Lewis għaliex huwa tah is-sapport tiegħu u għin lil Kunsill iġib il-quddiem din it-talba.

15.3.4 Is-Sur Dalli reġgħa fakkar lil Kunsilliera kollha kif l-għada tal-laqgħa, l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2020, l-Onorevoli Karl Gouder ser jagħmel żjara fir-raħal ta' Ħal Lija għall-ħabta tad-9:00am u kulħadd huwa mistieden jattendi, inkluż is-Segretarju Eżekuttiv.

15.3.5 Is-Sindku ħabbar kif il-proġett li qed isir bil-concrete imprint fi parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2 daqt ikun iffinalizzat u bejn wieħed u ieħor għandu jkun lest sal-aħħar tal-ġimgħa jew bidu ta' ġimgħa oħra. Huwa qal li qed isir xogħol ta' grad għoli u kwalita tajba ħafna.

15.3.6 Is-Sur Dalli ħabbar ukoll li sa fl-aħħar il-ħaddiema is-Sur Frankie Buttiġieġ u s-sur Marco Grech, ġew irrilisjati mingħand Enemalta u bdew jaħdmu b'effet immedjat minn Ġunju mal-kunsill lokali. Dawn xorta qed jitħalsu mingħand Enemalta u ġew irrilisjati bl-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li huma kellhom u jaħmu bis-shift, day in u day out. Dawn il-ħaddiema diġa qed jagħmlu ħafna xogħol siewi u qed jgħinu lil kunsill b'mod speċjali fejn jidħol xogħol ta' dawl.

15.3.7 Waqt Webinar tal-EUCF li għalih kien hemm preżenti wkoll Il-Minority Leader Lorraine Farrugia, is-Sindku spjega kif huwa ppropona li jsir proġett tal-ġbir tal-ilma tax-xita, fejn l-ilma jinġabar ġol-ġibjun li hemm fil-pjazza ta' Ħal

Lija u dan għalhekk ma jinħelix u jkollu użanza oħra. Is-Sindku qal li s-Sa Cassar li kienet qed tmexxi il-konferenza rrimarkat li din hija proposta ferm tajba u jekk il-kunsill jixtieq jibbenifika minn fond kbir b'permezz ta' din l-iskema, hija ssuġġeriet li jekk il-kunsill jikkollabora ma' xi kunsill ieħor, il-proposta li qed tiġi proponuta jaf tkun aktar b'saħħitta u jkun hemm benifikazzjoni ta' aktar fondi. Is-Sindku ppropona kif l-kunsill ta' Ħal Lija missu jingħaqad mal-kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Huwa żied jgħid kif ħa jġib aktar informazzjoni dwar din l-iskema u l-kunsilliera kollha għandhom jaħsbu dwar din il-proposta u proposti oħra eliġibbli li jista jkollhom ħalli jiġu diskussi u jitressqu fis-seduta li jmiss.

15.3.8 Is-Sindku tenna li x-xogħol ta' manutenzzjoni fil-ġnien ċentru rikreattiv kważi lest kollu; grazzi għall-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil ELC tal-pjanti li hija tat lil kunsill biex dan il-ġnien jisbieħ aktar. Sa fl-aħħar dan il-ġnien reġgħa ħa xeħta sabiħa u xierqa u li jonqos fih issa huwa li jinbidlu l-fanali tad-dawl . Din hija xi ħaġa li ser jieħdu ħsieba l-ħaddiema Frankie u Marco u s-Segretarju Eżekuttiv ser titkellem aktar dwar dan il-punt aktar tard f'din is-seduta. Is-Sur Dalli qal li ssa trid tingħata spinta kbira fil-manutenzzjoni tal-Ġnien tal-Mirakli u issa jmiss li jitjieb l-istat ta' dan il-ġnien ukoll.

15.3.9 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif issa li ġew rrilaxxati ħafna miżura li kienu ttieħdu kontra COVID-19 mill-Gvern, il-latrini tar-raħal ser jerġgħu jinfetħu għall-pubbliku. Rigward iż-żewġ kontijiet ta' ħlas li l-kunsill xorta rċieva mingħand il-kuntrattur meta l-latrini kienu magħluqin u s-servizz ta' tindif ma kienx qed jingħata, s-Sindku spjega kif insab kompromess bejn il-kunsill u l-kuntrattur li jingħata ħlas wieħed  biss li jkopri ż-żewġ xhur f'daqqa u l-pagament ta' €470.82 jitqies bħala 50% għal kull xahar. Fil-jiem li ġejjien il-kuntrattur għandu jiġbor iċ-ċekk għax-xahar ta' April biss u anke jiffirma karta ta' konferma abbażi tal-ftehiem li sar.

15.3.10 Is-Sur Dalli tkellem fuq żviluppatur li għandu fond ġewwa Triq Pawlu Galea kantuniera ma' Triq Giovanni Barbara, fejn dan l-iżviluppatur avviċina lilu bi proposta ta' kif ser jiġi żviluppat il-fond li huwa għandu qabel ma japplika mal-Awtorita tal-ippjanar. Is-Sindku qal lil kunsilliera li min jixtieq jara dan il-dokument b'din il-proposta jista jiġi jarah fl-uffiċju tal-kunsill. Is-Sindku żied jgħid li huwa staqsa lill-iżviluppatur jekk dan id-dokument jistax huwa bħala sindku jurih lil ġirien tal-akwata u l-iżviluppatur ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk mhux ser issir villa akbar pero s-Sindku wieġeb li dan mhux minnu u ser jinbnew appartamenti, imma mhux suppost ikunu għoljin ħafna. Is-Sindku diġa beda jikkonsulta mar-residenti tal-akwata u diġa hemm min ma jaqbilx ma' dan l-iżvilupp u huwa tal-idea li kif it-town planner tinforma lil kunsill li l-applikazzjoni għal dan l-iżvilupp ddaħlet, l-kunsill għandu joġġezzjona skond il-local plan.

## 15.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

15.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera b'kollox kien hemm tnejn. Iż-żewġ mistoqsijiet kienu ndirizzati lis-sindku u saru mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, l-*minority leader* tal-kunsill. Kopja tal-mistoqsijiet annessi mal-minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-mistoqsijiet u s-sindku kompla billi wieġeb għalihom u tah r-risposta tiegħu.

15.4.2.1 Għall-ewwel mistoqsija, is-Sindku wieġeb li huwa kien mistidien mill-AKL  biex jattendi għal laqgħa dwar il-proġett li qed jiġi propost fuq Slow streets. Is-Sinkdu spjega kif waqt din il-laqgħa preżenti kien hemm perit assenjat mill-AKL biex jitkellem dwar il-ħsieb u l-implementazzjoni tal-proġett. Waqt din il-laqgħa is-Sur Dalli spjega kif huwa tkellem u ppreżenta r-rapport li kienet ikkumpilat il-Profs Maria Attard għall-Kunsill preċedenti. Is-sindku kompla jgħid li għada 17 ta' Ġunju ser issir il-launch uffiċjali ta' dan il-proġett u huwa ser jattendi. L-AKL għandha tgħaddi xi linji gwida dwar kif kunsilli lokali nteressati jistgħu jimplementaw dan il-proġett fir-raħal tagħhom. Is-Sur Dalli qed jistenna li jintbgħatu dawn il-linji gwida biex jikkonferma li dan il-proġett, jekk mhux kollu imma almenu parti minnu, jkun iffinanzjat mill-AKL.

15.4.2.2 Is-Sindku qal li hija ħaġa sabiħa li jitnaqsu l-karozzi mir-raħal u li ċertu akwati fir-raħal ikunu pedonali biss, pero qal ukoll li biex proġett bħal dan isir, mhux ħaġa faċli u wieħed irid jaħseb kif ser jimplementah b'reqqa ħalli ma jkunx hemm impatti negattivi fuq ħadd. Is-Sindku qed jissuġġerrixi li nhar ta' Sibt filgħaxija wara li jingħalqu l-ispiżerija u tal-confectionary, il-pjazza ssir pedonali u biex dawk in-nies li joqgħodu fil-pjazza ma jbatux, il-kunsill jista jsib kompromess mal-iskola jew il-university residence biex jitħellew jipparkjaw fil-grounds li huma għandhom. Pero din tant hija xi ħaġa elaborata li l-kunsill għandu jiddiskuti dan is-suġġett darboħra.

15.4.3.1 Għat-tieni mistoqsija, is-Sindku rrisponda kif huwa fl-aħħar seduta li kellu tar-Reġjun, ppropona li jingħataw fondi apposta biex kunsilli li huma nteressati japplikaw għall-attivita proposta ta' teatru gallarija għar-raħal tagħhom b'xejn. Is-Sur Dalli nforma li l-membri tar-Reġjun ma qablux ma' din il-proposta għaliex unanimament kulħadd jippreferi li jingħataw fondi żejda għall-attivitajiet fi żminijiet oħra, bħal dawk tal-Milied.

15.4.3.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda addizzjonali fejn staqsiet jekk il-kunsill jistax imqar jinvesti fi somma żgħira ta' madwar €100 biex issir rexta waħda f'xi okkażżjoni organizzata mill-Kunsill, bħal Jum Ħal Lija. Is-Sindku qal li huwa mhux tal-opinjoni li attivitajiet bħal dawn isiru waqt avvenimenti tal-kunsill b'mod speċjali fi Jum Ħal Lija.

## 15.5 Korrispondenza

15.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet referenza għal korrispondenza numru 0353/20 u 0354/20 li kienu jitrattaw dwar Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Is-Sindku qal li din hija materja li l-kunsill iddiskuta diġa fi seduti preċedenti u għal darb oħra spjega kif dawk l-imejls jitrattaw dwar korrispondenza bejn il-kunsill u TM fuq implementazzjoni ta' one-way li TM qed tgħid li ser taddotta għal Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Is-Sindku kkonferma li wara li l-kunsill bgħat lil TM il-ħsibijiet tiegħu dwar din l-implementazzjoni, kif kien ġie deċiż fis-seduta preżedenti tal-kunsill, risposta finali għadt m'hemmx minn naħa ta' TM u l-kunsill għadu qed jistenna l-feedback mingħand il-bord ta' TM.

15.5.2 Il-Kunsillier Cini xtaq ikun jaf aktar fuq korrispondenza nru 0351/20 u f'liema stadji l-kunsill wasal bl-applikazzjoni tal-encroachment li saret fuq il-mini pitch li hemm fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku qal li l-kunsill ilu li applika u daħħal l-applikazzjoni tiegħu mal-Awtorija tal-Artijiet u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, pero approvazzjoni ta' din l-applikazzjoni għadt m'hemmx. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv qed tieħu ħsieb li jsir dak kollu li hemm bżonn u qiegħda f'kuntatt kontinwu ma' dawn iż-żewġ entitajiet biex il-proċess ta' din l-applikazzjoni jiġi ffinalizzat.

15.5.3 Il-Kunsillier Cini xtaq klarifika fuq korrispondenza nru 0373/20 li titratta dwar xogħlijiet li qed isiru minn Infrastrucutre Malta fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sindku spjega kif ix-xogħol ta' re-surfacing fi Triq Sir Ugo Mifsud fil-jiem li għaddew kien għaddej daqsxejn bilmod u kien ftit staġnatt, pero jidher li riċenti l-ħaddiema reġgħu qabdu r-ritmu tax-xogħlijiet. Is-Sur Dalli qal li huwa qed jagħmel monitoring ta' spiss ta' dan ix-xogħol u spjega kif hu, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-kunsill ta' spiss jitkelmu mal-perita u l-kuntrattur inkarigati mix-xogħol speċjalment meta jkun hemm xi lmenti mir-residenti.

15.5.4 Is-Sur Zahra xtaq ikun jaf dwar xix titratta korrispondenza nru 0386/20 bl-isem 'Preziosi str'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li residenta fi Triq Preziosi qed tilmenta li għandha xi wires tad-dawl imdenlin mal-faċċata tagħha u waħda mill-iskrivani ħadet ħsieb tgħaddilha l-ilment kemm ma' Enemalta u kif ukoll ma' Go biex dawn il-wires jiġu rranġati.

## 15.6 Preparazzjonijiet u Nominazzjonijiet għall-Jum Ħal Lija

15.6.1 Il-Kunsilliera ġew innotifikati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li b'kollox hemm ħames (5) nominazzjonijiet għall-Jum Ħal Lija. Il-persuni nnominati kienu kif ġej:

a. Is-Sur Saviour Caruana;
b. Is-Sur Sunny Scerri;
c. Is-Sur Salvu Borg;
d. Is-Sur Louis Briffa u
e. Is-Sur Saviour Gatt.

Dawn il-persuni nnominati kollha taw kontribut għar-raħal, bil-mod uniku tagħhom.

15.6.2 Is-Sindku tkellem fejn qal li dawn il-ħames persuni lkoll jistħoqilhom jiġu mgħottija Ġieħ Ħal Lija u l-kunsilliera kollha qablu b'mod unanimu li jingħata Ġieħ Ħal Lija lil ħames persuni li ġew innominati. Hawnhekk is-sindku reġgħa stqarr li għas-sena li ġejja l-applikazzjoni ta' Ġieħ Ħal Lija għandha tinbidel mal-kundizzjonijiet stipulati li huma meħtieġa jiġu segwiti meta xi ħadd jinnonima lil ħaddieħor għal Ġieħ Ħal Lija.

15.6.3 Fuq bażi ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jiġu ordnati l-plakek għal Ġieħ Ħal Lija bħal ma ġew mgħottija s-sena l-oħra.

15.6.4 Is-Sindku tkellem u qasam il-ħsibijiet tiegħu dwar il-preparazzjonijiet għal dan il-jum speċjali. Huwa qal li normalment Jum Ħal Lija jiġi ċċelebrat fis-6 ta' Lulju u jekk l-pandemija ta' COVID-19 tippermetti u jibqgħu jiġu rrilaxxati ċertu miżuri ta' prekawzzjoni kif qed jseħħ, din id-data għandha tinżamm. F'każ li l-pandemija terġa tikber il-kunsill għandu jippostponi din id-data għax-xahar ta' wara.

15.6.5 Is-Sur Dalli tal-parir li ssir quddiesa bħas-soltu fil-Knisja Parrokjali tar-raħal, fejn waqt din il-quddiesa ukoll tingħata is-somma ta' €450 lil kapillan li l-kunsill kien ġabar waqt il-festival taċ-ċitru. Wara jingħata drink żgħir fuq iz-zuntier

tal-knisja, umbgħad is-serata titkompla aktar l-isfel fit-torri, fejn ssir il-preżentazzjoni ta' Ġieħ Ħal Lija lil persuni nominati, mill-ewwel sular tat-torri. Jistgħu anke jittieħdu xi ritratti fuq it-Torri bħala memorja ta' dan l-avveniment. Is-Sindku qed jissuġġerrixxi serata sempliċi għaliex l-kunsill jrid jirkupra mill-ispejjes li għamel riċenti biex itejjeb l-ambjent tar-raħal u fl-opinjoni tiegħu ma tkunx ħaġa għaqli li jintefqu ċertu flus bla bżonn u aħjar jiġu nvestiti biex l-kunsill ikompli jagħmel tajjeb bihom għal ġid tar-residenti u l-lokal.

15.6.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-kunsill mhux ser ikun qed jikri xi siġġijiet u jekk mhux ser tingħalaq it-triq waqt dan l-avveniment. Is-Sindku wieġeb li m'hemm bżonn xejn minn dan. Peress li l-preżentazzjoni qed tiġi proposta ssir fit-Torri, t-triq m'hemmx għalfejn tingħalaq u persuni li jixtiequ jaraw din il-preżentazzjoni jistgħu jagħmlu dan billi joqgħodu fuq l-bankina li hemm madwar it-torri, u fil-ġnub tal-bankini f'din l-istess akwata. Is-Sindku qal dan bħala prevenzjoni u biex kemm jistgħu jkun ma tinġabarax massa kbira ta' nies.

15.6.7 Il-Kunsilliera unanimament qablu dwar dan kollu u kemm il-darba jkun hemm xi tibdil dwar il-preparazzjonijiet, is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb iżżomm lil kulħadd aġġornat.

## 15.7 Mozzjonijiet

15.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ mozzjonijiet, li ġew imressqa mis-Sindku Anthony Dalli, b'sekondazzjoni mingħand il-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-kunsillier Calcedonio Cini. Dawn iż-żewġ mozzjonijiet ġew rreġistrati mis-Segretarju Eżekuttiv fil- 5 ta' Ġunju 2020 fl-10:00am u kopja tagħhom intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

15.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut taż-żewġ mozzjonjiet. L-ewwel mozzjoni mressqa titratta dwar in-nominazzjoni ta' DR. Charles Mallia Azzopardi biex jiġi ppremjat Ġieħ Ħal Lija 2020 tal-impenn siewi tiegħu li tah fil-preparazzjoni ta' Mater Dei biex jilqa għal pandemija ta' COVID-19.

15.7.3 Bħala l-persuna li ppropona din il-mozzjoni s-Sur Dalli għamel il-kummenti tiegħu u spjega kif din il-mozzjoni ttellat bl-iskop ewlieni biex Dr. Charles Mallia Azzopardi jikkwalifika għal Ġieħ Ħal Lija. Huwa ġust li Dr. Charles Mallia Azzopardi jiġi ppreżentant bi Ġieħ Ħal Lija u wieħed għandu jirrikonnixi li Dr. Charles Mallia Azzopardi tah sehem akbar minn dak lokali imma ħadem għal Malta u Għawdex kollha u tassew qed jgħin fil-ġlieda tal-Maltin u l-Għawdxin kontra COVID-19.

15.7.4 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-kunsillier Calcedonio Cini, bħala sekondati ta' din il-mozzjoni, ikkumplementaw dak li qal is-sindku u komplew fuq il-kummenti tiegħu fejn anke huma t-tnejn irrikonexxew l-ħidma ta' Dr. Charles Mallia Azzopardi u qablu li għandu jingħata Ġieħ Ħal Lija.

15.7.5 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia u l-kunsillier Joseph Zahra ukoll qablu u għaddew il-kummenti tagħhom fejn irrikonexxew ix-xogħol siewi ta' Dr. Mallia Azzopardi u għalhekk din il-mozzjoni ġiet approvatha b'mod unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li tiġi ordnata plakka oħra għal Dr. Mallia Azzopardi.

15.7.6 It-tieni mozzjoni mressqa titratta dwar rikonoxximent li huwa xieraq jingħata għal individwi minn Ħal Lija li għamlu l-parti tagħhom u tawh l-għajnuna tagħhom bl-aħjar mod li setgħu waqt il-pandemija ta' COVID-19 bħal diversi tobba, nurses, spiżjara, cleaners, xufiera etc. Din il-lista ta' frontliners ser tibqa tiġi aġġornata sad-data tas-serata ħalli ħadd ma jitħalla barra.

15.7.8 Bħala l-persuna li ppropona din il-mozzjoni s-Sur Dalli għamel il-kummenti tiegħu u spjega kif din il-mozzjoni wkoll ttellat bl-iskop ewlieni biex dawn l-individiwi jikkwalifikaw għal rikonoxximent tal-ġieħ li huma taw bl-impenn tagħhom mhux għal Ħal Lija biss, imma lil Malta u Għawdex kollha. Huwa ġust li dawn ukoll jiġi rikonoxxuti ta' xogħolhom u tas-servizz li huma taw biex titnaqqas it-tixrida ta' COVID-19. Is-Sur Dalli semma l-ismijiet tal-individwi u talab lil kunsilliera biex jekk jafu b'xi individwi oħra jgħaddu l-ismijiet lill-amministrazzjoni tal-kunsill. Is-Sindku qal li ser jingħata ċertifikat ta' rikonoxximent lit-tobba u lin-nurses filwaqt li spiżeriji, għassa, LESA u kumpaniji tal-cleaning ser jingħataw tifkira żgħira mingħand Imdina Glass bħala apprezzament biex iżommuha rikordju fl-uffiċini tagħhom.

15.7.9 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-kunsillier Calcedonio Cini, bħala sekondati ta' din il-mozzjoni, ikkumplementaw dak li qal is-sindku u komplew fuq il-kummenti tiegħu fejn anke huma t-tnejn irrikonexxew l-ħidma tal-individwi kollha msemmija.

15.7.10 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia u l-kunsillier Joseph Zahra ukoll qablu u għaddew il-kummenti tagħhom u għalhekk din il-mozzjoni ġiet approvatha b'mod unanimu.

15.7.11 Iż-żewġ mozzjonijiet approvati ser jitellaw fuq il-paġna tal-kunsill għall-pubbliku.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti

15.8.1.1 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport finali tal-evalwazzjoni tat-*tender* għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Kopja tar-rapport intbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm tlett (3) offerti b'kollox. Wara diversi klarfikazzjonijiet li saru mill-evalwaturi appuntati rriżulta li żewġ offerti ma kienux *technically complaint* u dan għax il-*bidders* ma tefgħux ċertu dokumenti mitluba. L-unika offerta complaint kienet ta' Chris Gatt u l-evalwaturi qed jirrakomandaw li din it-*tender* tiġi mgħottija lilu għaliex l-offerta tiegħu hija kemm *technically* u *financially complaint*.

15.8.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jipproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jiġi *awarded* dan il-kuntratt ta' xogħol malajr kemm jista jkun, dan naturalment jekk ma jkunx hemm appelli minn *bidders* oħra fiż-żmien t'għaxart ijiem. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt kif suppost.

15.8.2.1 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' ħruġ ta' kwotazzjoni għall-implementazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda dokument għall-ħruġ fuq is-sistema tal-ePPS relatat mal-implementazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Hija fakret lil kunsilliera li l-kunsill kien applika għall-skema ta' fondi mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi nstallatha sistema ta' irrigazzjoni fil-ġnien. Hija spjegat kif ser ikolla tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet b'mod elettroniku fuq l-ePPS peress li skond stimi li diġa akkwista l-kunsill, dan il-proġett jaf jammonta aktar mill-ammont ta' direct order, dak ta' €5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kopja ta' dan id-dokument kien ġie mibgħut lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl qabel il-laqgħa.

15.8.2.2 Il-Kunsill approva li tinħareġ din il-kwotazzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat dan id-dokument għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kif id-dokument ikun approvat mingħand id-Dipartiment hija għandha ttellaw onlajn fuq is-sistema tal-EPPS fejn jidher għal ħmistax u l-kuntratturi nteressati jkollhom ċans jiftgħu l-offerta tagħhom kif mitlub.

## 15.9 Immaniġjar tat-Traffiku ġewwa Ħal Lija – Aġġornament

15.9.1 Is-Sindku tkellem fuq l-implementazzjoni tal-oneway fl-akwata ta' Ħalman, fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Huwa qal li talab lil l-istaff biex ituh kopja tal-petizzjoni li kienet saret fiż-żmien il-kunsill preċedenti. Is-Sur Dalli qal li din il-petizzjoni ser terġa tiġi reveduta peress li għaddew sitt xhur minn meta din kienet saret. L-istaff ser ikun qed iċċempel lil kull min qiegħed imniżżel fuq din il-lista (li ħafna minnom mhumix minn Ħal Lija imma bdiewa) biex jerġa jisma l-opinjoni tagħhom dwar din l-implementazzjoni ta' one-way.

15.9.2 Dan kollu ser jerġa jsir peress li riċenti l-kunsill irċieva diversi lmenti mingħand ir-residenti li jgħixu fl-akwata fejn dawn qed jilmentaw li minn meta din it-triq saret bit-tarmac qed jgħaddi ħafna traffiku minnha miż-żewġ naħat u kulħadd jrid id-dritta tiegħu u ħadt ma jċedi lil ħadd. Is-Sindku qal li kien hemm minn anke kellu xi jgħid minħabba din is-sitwazzjoni. Ir-Residenti qed jergħu jitolbu li tittieħed kunsiderazzjoni li t-triq issir one-way.

15.9.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li meta kienet saret din il-petizzjoni l-maġġoranza tan-nies, l-aktar il-bdiewa li għandhom l-għelieqi fit-triq ma jridux li din issir one-way. Is-Sindku qal li l-kunsill jrid jikkunsidra u jisma l-aktar lir-residenti li jgħixu fl-akwata aktar milli l-bdiewa li jagħmlu użu minn din it-triq darbtejn fix-xahar.

15.9.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lis-sindku jekk TM ikkunsidratx it-talba tal-kunsill li jsiru traffic lights fl-akwata. Is-sindku wieġeb u reġgħa qal li l-kunsill bgħat il-ħsibijiet tiegħu kif kien ġie propost li jsir fis-seduta preċedenti, inkluża t-talba tat-traffic lights, pero il-bord ta' TM għadux ma tax feedback lura dwar ir-risposta tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat reminder oħra lil TM u s-Sindku tenna jgħid kif din il-kwistjoni ser tkompli tkun diskussa fi laqgħa oħra wara li l-istaff jerġa jiġbor l-opinjonijiet tan-nies li hemm isimhom imniżżel fuq il-petizzjoni.

15.9.5 Is-Sur Dalli qasam il-ħsieb tiegħu li huwa għandu biex issir implementazzjoni ta' one way żgħira fi Triq Carmelo Farrugia c/w ma' Triq Annibale Preca, fejn il-blokka kbira li inbniet riċenti tal-appartamenti. Huwa prepara pjanta b'dan u qed jissuġġerrixi li kif wieħed jinżel minn Triq Annibale Preca u jaqbeż il-fabrika tal-Bio Plant, ma jitħallix

jinżel aktar l-isfel u jrid idur bilfors minn ġo Triq Carmelo Farrugia u finalment joħroġ minn Triq tal-Mirakli biex imur għal qalba tar-raħal. Huwa qed jissuġġerrixi dan bi skop li jinqata l-volum ta' karozzi li jgħaddi minn ġo Ħal Lija, għax nies li ma jkunux mir-raħal żgur li ser idejjaqhom l-iskariġġ li jridu joqgħodu jgħaddu minn Triq Carmelo Farrugia, jduru minn Triq Ħal Bordi u joħroġu minn Triq tal-Mirakli.

15.9.6 Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex jaħsbu fuqha din il-proposta u biex anke jaqsmu din il-proposta mar-residenti ħalli l-kunsill ikollu anke l-feedback mingħand ir-residenti ukoll. Kemm is-sindku u l-kunsillier Cini diġa tkelmu ma' xi nies dwar din il-proposta u dawn taw feedback pożittiv ħafna u n-nies li jgħixu f'din l-akwata, b'mod speċjali fi Triq Annibale Preca, immens jixtiequ li jsir xi ħaġa biex jitnaqqas it-traffiku.

15.9.7 Din il-materja ukoll ser tkompli tiġi diskussa fi laqgħa oħra u sa dan it-tant l-kunsilliera jistgħu anke jibgħatu l-feedback tagħhom lis-segretarju eżekuttiv b'permezz ta' imejl.

## 15.10 Ġbir tal-iskart Riċiklabbli

15.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fit- 2 ta' Ġunju 2020, il-kunsill irċeiva imejl mingħand l-AKL bl-isem CIR AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli. Kopja ta' din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

15.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fil-qosor spjegat kif riċentament l-AKL sejħet laqgħa b'urġenza mal-eżekuttiv sabiex tiddiskuti l-materja tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Dan peress li uħud mill-kunsilli lokali qed jaffaċjaw problemi bil-ġbir tal-iskart u saħansitra iż-żewġ entitajiet li jgħinu lil kunsilli bil-ġabra ta' dan l-iskart, riċentament qed jiefqu milli jagħtu s-servizzi tagħhom lil kunsilli lokali. Għall-AKL din mhux xi ħaġa aċċettabbli u għalhekk waqt il-laqgħa li saret mal-membri kollha tal-eżekuttiv ġie deċiż li jekk ikun hemm qbil bejn il-kunsilli Lokali, l-assoċjazzjoni ser tipproponi lil Gvern biex il-ġabra tal-iskart riċiklabbli issir mir-Reġjuni, wara li jinstab mekkaniżmu legali u finanzjarju.

15.10.3 Minkejja li fi KAP 363, fit-tmien sekda, Artiklu 55 juri biċ-ċar li l-immaniġjar tal-iskart huwa responsabbilta tal-kunsill Lokali, l-AKL temmen li din hija xi ħaġa li għandha tibda taqa taħt il-Gvern Lokali u l-ebda entita, skema jew direttorat ieħor. Flimkien ma' din l-imejl l-assoċjazzjoni bgħatet mandat biex jiġi ffirmat mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv tal-kunsill, dan kemm il-darba l-kunsill jaqbel mal-proposta li l-iskart riċiklabbli jibda jinġabar mir-Reġjun.

15.10.4 Ma' dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kumbinazzjoni fit- 2 ta' Ġunju ukoll, il-kunsill irċieva imejl mingħand Greenpak (l-entita li bħalissa tgħin lil kunsill fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli) bħala referenza għaċ-ċirkulari mibgħutha mill-AKL, fejn greenpak qed tistqarr li l-ġbir tal-iskart riċiklabbli fil-lokalita ta' Ħal Lija għadu għaddej normali kif suppost u dan is-servizz mhux ser jiġi mwaqqaf. Infatti s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan billi qalet li hija ma rċeviet l-ebda korrispondenza mingħand Greenpak li tgħid li s-servizz tal-ġbir tal-iskart ser jiġi sospiż mir-raħal ta' Ħal Lija. Barra minn hekk hija tenniet kif problemi bis-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli m'hemmx u l-kunsill riċentament ma kellu l-ebda rapport fuq dan is-servizz mingħand ir-residenti għax għadu qed jopera kif suppost.

15.10.5 Fuq dan is-suġġett is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li s-Sindku attenda għal laqgħa urġenti fi ħdan ir-Reġjun Ċentru biex din il-materja tiġi diskussa f'aktar dettal. Għalhekk hija ndirizzat lis-Sindku, is-sur Dalli biex ikompli jagħti aktar żviluppi dwar din il-materja skond dak li ġie diskuss fil-laqgħa msejħa mir-Reġjun Ċentru.

15.10.6 Is-Sindku kkonferma dak kollu li qalet is-Segretarju Eżekuttiv u spjega kif fil-laqgħa urġenti li saret ir-Reġjun Ċentru, kważi l-membri kollha preżenti ma qablux li l-iskart riċiklabbli jinġabar mir-Reġjun u jridu li dan is-servizz jibqa jingħata mill-kunsill Lokali. Is-Sur Dalli qal li huwa kien wieħed mill-membri li ma qabilx u għalhekk qed jissuġġerrixi li l-kunsill ta' Ħal Lija ma jiffirma l-ebda mandat.

15.10.7 Wara diskussjoni żgħira li saret fuq dan is-suġġett rriżulta li l-kunsilliera qablu ukoll unanimament mas-Sur Dalli u s-segretarju Eżekuttiv għandha minnufih tinforma lil Reġjun Ċentru b'din id-deċiżjoni.

## 15.11 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

15.11.1.1 <u>Preparazzjoni u pubblikazzjoni ta' fuljett (*newsletter* tal-Kunsill)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill proposta fuq xewqa tas-Sindku biex jiġi ppreparat fuljett żgħir fuq il-kunsill u x-xogħol siewi li huwa qed jagħmel għal ġid tal-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex jitkellem aktar fid-dettal fuq dan l-*item*.

15.11.1.2 Is-Sindku qal li huwa tal-idea li jiġi preparat fuljet ta' erba' paġni kollox. Dan fih ikun jikkonsisti: introduzzjoni mis-sindku u ntroduzzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, lista ta' items li ddiskutha il-kunsill mill-bidu tal-leġislatura s'issa, djarju ta' appuntamenti li kellu l-kunsill, ritratt tas-sindku, viċi sindku u kull kunsillier bil-lista ta' delegi nkarigati minnom u daqsxejn ritratti ta' proġetti u xogħol li wettaq l-kunsill.

15.11.1.3 Is-Sindku tal-parir li dan jitlesta u jitqassam fid-djar sa l-aħħar ta' Lulju u għalhekk talab lil kunsilliera biex jibgħatu lis-Segretarju Eżekuttiv lista ta' postijiet, attivitajiet u konferenzi li huma attendew barra mill-kunsill biex dawn ukoll jiġu miżjuda bħala nformazzjoni f'dan il-fuljett. Din l-informazzjoni għandha tintbgħat mill-kunsilliera sal-aħħar tal-ġimgħa.

15.11.1.4 Kif tinġabar l-informazzjoni kollha, kollox ser jintbgħat lil stampatur u s-sur Dalli qal li l-ispiża biex dan il-fuljett jiġi stampat m'għandix taqbeż is-somma ta' €500. Pero aktar l-quddiem is-Segretarju Eżekuttiv ser iżżomm lil kulħadd aġġornat bl-ispejjes marbutin mal-istampar ta' dan il-fuljett. Is-Sindku qal li jekk dan il-fuljett jintlaqa tajjeb jista jibda jiġi stampat kull sitt xhur.

15.11.1.5 Il-Kunsilliera kolla lkoll qablu unanimament li jsir hekk.

15.11.2.1 <u>Direttiva 3/2020 u aġġornament dwar l-operat tal-kunsill lokali għall-pubbliku</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill direttiva nru 3/2020 li ġiet mibgħutha mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Kopja ta' din id-direttiva intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif direttiva 3/2020 hija revoka ta' direttiva 2/2020 li kienet inħarġet mill-Gvern Lokali fl-20 ta' Marzu 2020 b'relazzjoni mal-pandemija ta' COVID-19. B'permezz ta' direttiva 3/2020 is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew irtirati ċertu obbligi ta' kif jitmexxew il-laqgħat u għaldaqstant mill-lum il-hemm il-laqgħat tal-kunsill iridu jerġgħu jibdew jinżammu fl-uffiċċju amministrattiv.

15.11.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma' din id-direttiva ntbgħat ukoll kwestjonarju qasir sabiex il-kunsill jagħti feedback lid-dipartiment tal-Gvern Lokali tal-esperjenza tiegħu għal dawn ix-xhur fejn kellhom jintużaw sistemi ġodda onlajn biex jinżammu l-laqgħat. Dan il-kwestjonarju ġie diskuss waqt il-laqgħa u s-Segretarju Eżekuttiv ġentilment għamlet xi mistoqsijiet lil kunsilliera fejn ġabret il-feedback tagħhom biex hija tkun tista twieġeb il-kwestjonarju sewwa kif mitlub.

15.11.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħasset il-ħtieġa li taġġorna lil kunsilliera dwar kif qed jopera l-kunsill. Wara konsultazzjoni mas-Sindku, hija qalet li l-kunsill reġa fetaħ għall-pubbliku, dan wara li sar ilqugħ protettiv bil-plastik li jissepara lil l-iskrivani mill-klijenti u biex kemm jista jkun tinżamm distanza addattata biex dejjem tiġi ssalvagwardjata s-saħħa ta' kulħadd. Mhux ser jitħallew jidħlu aktar minn persuna waħda f'daqqa fl-uffiċċju u kull min jidħol irid jkollu lbis prottettiv bħal visor jew maskra. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif pagamenti għal ċertu servizzi qed jintalbu jsiru bi ċekk biss filwaqt li pagamenti għall-servizzi oħrajn jistgħu jibqgħu jsiru kemm onlajn,kif ukoll bi ċekk jew inkella bi flus kontanti eżatt.

15.11.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet ukoll lil kunsilliera li mis-16 ta' Ġunju l-kunsill beda jopera bil-ħinijiet tas-sajf u għalhekk l-uffiċċju amministrattiv ser ikun miftuħ għall-pubbliku matul il-ġimgħa mit-8:00am sa 12:00pm biss. Is-Sibt ser jibqa jinfetaħ normali kif kien mit-8:30am sal-11:00am.

15.11.2.5 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

15.11.3.1 <u>Applikazzjoni għall-EPOS Machine -AKL</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill imejl b'applikazzjoni li intbgħatet mingħand l-AKL u qed titlob biex il-kunsill jikkunsidra l-installazzjoni ta' EPOS machine fl-uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif BOV qed jagħti ċans lil kunsilli lokali japplikaw għall-EPOS machine biex kemm jista jkun jitnaqqsu ħafna pagamenti li kienu qed isiru bi ċekkijiet u bil-flus u minflokk jibdew isiru aktar pagamenti eletroniċi.

Il-Bank ser jiprovdi l-installazjoni ta' dawn l-EPOS machines bla ħlas u lanqas ser tinżamm renta fuqhom. Il-Bank ser ikun qed jibbenifika biss minn rata żgħira ta' commission fuq kull tranżazzjoni li ser tkun qed issir u skond il-card ta' ħlas li ser tintuża. Il-cards li jistgħu jintużaw għal din l-epos machine m'għandux l-istess qtugħ ta' rata. L-EPOS machine taċċetta VISA, mastercard u diversi cards tal-BOV inkluża il-cashlink. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rati applikabbli għal kull card.

15.11.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li apparti li hija favur ta' din l-EPOS machine, żiedet tgħid li kemm il-darba jiġu residenti l-kunsill u jsaqsu jekk jistawx jagħmlu ħlas bi card għax dan il-metodu huwa aktar komdu għalihom. Għalhekk hija talbet lis-sindku u lil kunsilliera biex jikkunsidraw din l-installazzjoni.

15.11.3.3 Il-Kunsill approva li tiġi nstallatha EPOS machine fil-Kunsill u hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħasset il-ħtieġa li tirringrazzja lis-sindku u lil kunsilliera kollha.

15.11.4.1 <u>Tibdil ta' fanali ġodda fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill kwotazzjoni ta' fanali (bi tlett arms) biex isiru ġodda minnflokk dawk eżisteni li hemm fil-ġnien ċentru rikreattiv. Is-Sinjorina Borg uriet eżempju ta' stampa ta' dawn il-fanali biex il-kunsilliera jkollhom idea fuq xiex hija qed titkellem. Hija spjegat kif il-fanali li hemm fil-ġnien ċentru rikreattiv iterrew u hemm bżonn li jinbidlu b'mod immedjat għaliex hemm minnom li huma anke perikolużi u qed iżommu biss bi firdeferru. Kemm il-darba il-kunsill jaqbel ma' dan it-tibdil dawn il-fanali għandu jsiru miż-żewġ ħaddiema ġodda assenjati lil kunsill.

15.11.4.2 Is-Sindku qal li qabel ma jinxtraw dawn il-fanali din id-darba l-kunsill ser jikteb lil ESS biex jiġi ċċarat bil-miktub li dawn il-fanali huma tajbin biex jintużaw fuq barra u b'saħħithom biżejjed li jifilħu għax-xemx, xita u nida. Is-Sindku qal li l-kunsill ħa jibda billi jinstalla tnejn bi prova u dawn għandhom jitwaħlu fl-akwata ta' housing estate. Jekk il-kunsill isib li dawn il-fanali huma tajbin, jibda jinstalla minnom fil-ġnien ċentru rikreattiv.

15.11.4.3 Is-Sindku qal li dawn il-fanali jistgħu anke jsiru mill-fondi tar-Reġjun Ċentru jekk hemm bżonn ukoll.

15.11.4.4 Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan it-tibdil.

15.11.4.5 Waqt li l-kunsill kien għaddej bi diskussjoni fuq l-fanali, fuq nota oħra, is-Sindku żied li fuq iz-zuntier tal-knisja ser isir fanal in-naħa tal-kappillan u ġie ukoll ssuġġeriet mir-residenti jekk jistax isir wieħed ukoll in-naħa l-oħra. Is-Sindku qal li ser jikkonsulta mal-electrician ħa jara jekk mhux possibbli u jekk filkas dan isir. Il-Kunsilliera unanimament qablu dwar dan.

15.11.5.1 <u>Korsijiet offruti minn TCTC</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill korrispondenza mibgħuta mit-TCTC dwar korsijiet li huma qed joffru, dan wara li is-sinjorina Lorraine Farrugia kienet ikkomunikat ma' TCTC biex jibgħatu lil kunsill din l-informazzjoni.

15.11.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TCTC ippreżentat agreement b'żewġ korsijiet li hija qed toffri: (1) Robotica Nation għal tfal li għandhom eta bejn 5 u 12 il-sena u (2) Coding għal tfal li għandhom eta bejn 5 u 12 il-sena. Dawn il-korsijiet ser jibdew fi Lulju 2020. Jekk il-kunsill jinteressa ruħu biex jinżamm wieħed minn dawn il-korsijiet, TCTC lesta tħallas għall-preparazzjoni u printing tal-flyers bl-informazzjoni pero l-ħlas tad-distribuzzjoni tal-flyers fir-raħal jrid jieħu ħsiebha l-kunsill. Il-massimu ta' applikazzjonijiet aċċettati huwa ta' 50.

15.11.5.3 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid li l-finanzjament u s-sussidjar li qed titlob TCTC għal dawn il-korsijiet jista jsir b'żewġ modi. L-ewwel mod huwa li l-kunsill jaċċetta jħallas is-somma ta' €1,100.00 lil TCTC filwaqt li l-istudenti nteressati jridu jħalsu €50 għal sajf sħiħ li fih ser ikun qed isir il-kors, jiġifieri għal 8 ġimgħat sħaħ. It-tieni metodu huwa li l-kunsill jista jagħżel li ma jżommx ħlas lil l-istudenti interesatti (ħlif is-somma ta' €15 għan-noti ) u jagħti l-kors b'xejn, pero biex isir dan il-kunsill irid joħroġ is-somma totali ta' €2,500.00.

15.11.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif l-għażla jekk isirux dawn il-korsijiet hija f'idejn il-kunsill, pero bħala Segretarju Eżekuttiv hija tħoss li kemm jekk il-kunsill jagħżel metodu 1 jew metodu 2, in- nefqa biex jittella dan il-kors hija daqsxejn kbira. Hija tat parir biex alissa l-kunsill jevita milli jonfoq spejjes bħal dawn u jikkunsidra jagħmel dawn il-korsijiet fil-futur. Hija kompliet tgħid li huwa veru li riċenti l-kunsill ma għamilix la ħarġiet u lanqas korsijiet lir-residenti u din hija xi ħaġa li kulħadd jafa. Wieħed tajjeb ukoll jieħu nota li l-kunsill m'għandux ħtija ta' dan u ma setax iwaqqaf il-pandemija li ġabet magħha COVID-19. Il-kunsill fil-jiem li għaddew għamel diversi nfieq u dawn l-infieq għadhom għaddejin b'mod kurrenti biex jitjieb l-istat tar-raħal. Barra minn hekk is-Sinjorina Borg qalet li hemm affarijiet oħra ta' priorita li l-kunsill missu jikkunsidra jinvesti fihom l-ewwel bħal eżempju kif ser tinqata il-kawża tal-qorti, xiri ta' van ġdid, tibdil ta' tabelli imsadda mar-raħal etc.

15.11.5.5 Is-Sur Dalli appoġja lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-kummenti li hija għaddiet. Il-Kunsillier Cini ukoll qabel u fl-opinjoni tiegħu l-kunsill irid jara x'prioritajiet importanti għandu l-ewwel.

15.11.5.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet jekk il-kunsill lokali ta' Ħal Lija jistax jingħaqad ma' kunsill lokali fil-viċinanzi, dan kemm il-darba jaċċetta bħal Ħal Balzan, biex l-ispiża tkun waħda inqas u tinqasam bejn żewġ kunsilli. Hija qalet li din kienet diġa saret fil-passat fejn il-kunsill kien ingħaqad mal-kunsill ta' Ħ'Attard.

15.11.5.7 Is-Sur Dalli qal li anke jekk il-kunsill jikkunsidra japplika għal dawn il-korsijiet qed jaraha bi tqila li japplikaw mal-50 student. Il-viċi sindku qabel ukoll u staqsa lis-sinjorina Farrugia tiklarifka jekk fil-passat qgħadtx saru korsijiet simili u kemm kienu jattendu nies. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li korsijiet bħal dawn għat-tfal ġili saru pero ammettiet li l-attendenza qatt ma kienet tkun xi waħda kbira.

15.11.5.8 Is-Sindku tenna li n-nefqa biex isiru dawn il-korsijiet hija waħda kbira u barra minn hekk hemm entitajiet tal-gvern u kif ukoll ir-Reġjun Ċentru li diġa qed joffru korsijiet għall-pubbliku u t-tfal, bid-differenza li b'xejn. Għalhekk wara t-taħdida twila li saret dwar din il-materja kien hemm qbil finali li, l-kunsill ma japplikax għal korsijiet ma' TCTC pero l-kunsill għandu jindaga daqsxejn mal-entitajiet tal-gvern, bħal ministeru tal-edukazzjoni, dwar jekk mhux qed joffru korsijiet b'xejn għall-pubbliku huma. Kemm il-darba r-rispota mgħottija tkun iva u forsi tingħata xi lista ta' korsijiet, il-kunsill ser jieħu ħsieb imqarr ixandar il-korsijiet li qed jiġu offruti minn entitajiet oħra, kemm tal-Gvern u kif ukoll dawk privati.

15.11.6.1 <u>Imejl mingħand resident bi suġġeriment għall-ismijiet ta' toroq ġodda</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingħand resident bi suġġeriment li huwa qed iressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill biex Triq id-Dejqa tiġi mibdula għal Triq Dun Anton Ebejjer u parti minn Triq Sir Ugo Mifsud quddiem il-każin San Pio X tiġi tibdula għal Triq San Pio X.

15.11.6.2 Is-Sindku qal li huwa tħadded ma' min ressaq din il-proposta u spjegalu kif li tibdel Triq id-Dejqa għal Triq Dun Anton Ebejer hija xi ħaġa daqsxejn impossibbli. Is-Sindku ssuġġerrixxa li hija aktar viabbli li Triq Dun Anton Ebejer kieku ssir minn fejn il-kamra mortwarja tas-sorijiet sa fejn joqgħod Pawlu Agius. Il-Kunsillier Cini qabel dwar dan.

15.11.6.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif fiż-żmien tal-kunsill preċedenti hija kienet għamlet lista ta' ħafna toroq li huma anke żgħir li m'għandhomx isem u hija qed tissuġġerrixi kif jistgħu jintużaw tnejn minn dawn it-toroq u jiġu mgħottija l-ismijiet, Triq Dun Anton Ebejjer u Triq San Pio X. Is-Sindku qal li huwa ser ikun qed jara u jikkunsidra din il-lista.

15.11.6.4 Is-Sur Dalli ħaseb ukoll biex jekk filkas il-parti ta' fejn hemm il-Każin u l-istatwa ta' San Pietru issir Misraħ San Pio X. Pero finalment wasal għall-konklużjoni li din mhux viabbli ssir anqas peress li tant hemm toroq imsemmija għall-nies f'dik l-akwata u anke hemm l-istatwa ta' san Pietru u kif ukoll il-kappella ta' San Pietru u San Pawl.

15.11.6.5 Is-Sur Dalli talab lil kunsilliera biex jaħsbu dwar din it-talba u huwa ser jerġa jkellem lil persuna li ressqet it-talba mal-kunsill.

15.11.7.1 <u>Talba biex isir tranġar ta' bankina fi Triq Annibale Preca quddiem dar nru 111</u>
Residenta qed tagħmel talba biex tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq Annibale Preca li l-istat tagħha huwa wieħed diżastruż.

15.11.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li dan l-ilment qed jiġi risolvut, dan wara li s-sindku ltaqgħa fuq is-sit mal-kuntrattur li bħalissa qed jieħu ħsieb li jgħin lil kunsill b'din it-tip ta' manutenzzjoni. Il-Kuntrattur s'issa ta stima tax-xogħol li hemm bżonn isir lis-sindku u din l-informazzjoni kienet ġiet ikkomunikata lil kunsilliera bl-imejl urġenti datata 5 ta' Ġunju 2020, li ntbgħatet mis-segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-sindku.

15.11.8.1 <u>Bankina mkissra fi Triq Wiġi Muscat</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif s-sinjorina Lorraine Farrugia kienet ġibdet l-attenzjoni li parti mill-bankina fi Triq Wiġi Muscat kienet imkissra u perikoluża għal min jgħaddi minn fuqha. Hija talbet biex issir il-manutenzzjoni tagħha.

15.11.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li dan l-ilment qed jiġi risolvut, dan wara li s-sindku ltaqgħa fuq is-sit mal-kuntrattur li bħalissa qed jieħu ħsieb li jgħin lil kunsill b'din it-tip ta' manutenzzjoni. Is-Sindku anke għamel kuntatt mas-sid tar-residenza li tinsab quddiem il-parti fejn hemm il-bankina mkissra. Il-Kuntrattur s'issa ta stima tax-xogħol li hemm bżonn isir lis-sindku u din l-informazzjoni kienet ġiet ikkomunikata lil kunsilliera bl-imejl urġenti datata 5 ta' Ġunju 2020, li ntbgħatet mis-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-sindku.

15.11.9.1 <u>Applikazzjoni ta' *reserved parking* fi Triq Ħal Bordi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill applikazzjoni ta' reserved parking fi Triq Ħal Bordi.

15.11.9.2 Il-Kunsill unanimament approva din l-applikazzjoni u għandha tintbgħat minnu fih għall-approvazzjoni ta' TM.

## 15.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

15.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 07 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €100.00 għax-xahar ta' Mejju.

15.12.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kienet ssekondata mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn l-iskeda tal-pagamenti nkluż ir-rapport tal-*petty cash* ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb li dawn jiġu ffirmati. Barra minnhekk is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha u s-sitwazzjoni ta' COVID-19 għadha waħda mhux stabbli, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 15.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

15.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif riċentament il-kunsill irċieva imejl dwar PA Nru. 07986/19 ta' Mattina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Fernand Gregh. Il-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar informa lil kunsill kif din l-applikazzjoni ġiet skedata għad-diskussjoni fl-1 ta' Lulju 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat mal-istess Awtorita li mhux ser ikun hemm site meeting u żda bord tas-smigħ u hija wkoll bgħatet imejl lil Awtorita tal-Ippjanar fejn irreġistrat lil kunsilliera kollha biex tkun tista tintbgħatilhom link fuq l-imejls personali tagħhom, ħalli jkunu parti minn dan il-bord tas-smigħ.

15.13.2 Dwar din l-applikazzjoni s-Sur Zahra u s-Sinjorina Farrugia xtaqu jkunu jafu x'ħin ser isir il-bord tas-smigħ fid-data skedata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħin fl-imejl mibgħuta mill-Awtorita tal-Ippjanar ma kienx hemm imniżżel u kien hemm biss id-data. Hija ser tikkonferma l-ħin mal-awtorita tal-Ippjanar u taġġorna lil kunsilliera bid-dettalji.

15.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-applikazzjonijiet Nru PA 03812/20 fi Triq Pawlu Galea u PA 03748/20 fi Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Preziosi, li riċentament ġiew mgħoddija għall-attenzjoni tal-kunsill mit-town planner, kif isir kull ġimgħa. Kopja ta' dawn l-applikazzjonijiet intbgħatu lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

15.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-sindku is-Sur Dalli li xtaq jitkellem aktar fid-dettal fuq l-applikazzjoni Nru 03812/20. Is-Sindku ta spjegazzjoni u identifika l-akwata ta' fejn saret l-applikazzjoni biex isir żvilupp fi Triq Pawlu Galea. Huwa tal-opinjoni li jekk ikun hemm qbil, il-kunsill għandu jikteb lit-Town Planner biex hija tiprepara oġġezzjoni f'isem il-kunsill peress li fl-opinjoni tiegħu jidher li qisu din l-applikazzjoni mhux qiegħda skond il-local plan.

15.13.5 Rigward PA Nru 03748/20 – is-Sindku huwa tal-parir li t-town planner tiprepara oġġezzjoni ukoll.

15.13.6 Il-kunsill unanimament qabel li jagħmel kuntatt mat-town planner biex jiġu preparati żewġ oġġezzjonijiet separati għaż-żewġ PAs ħalli jiddaħħlu fil-ħin u minnufih mal-Awtorita tal-Ippjanar.

## 15.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

15.14.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-Wasteserv qed joffru sezzjonijiet onlajn edukattivi b'xejn ta' qisu siegħa jew siegħa u nofs. Dawn is-sezzjonijiet jinvolvu informazzjoni dwar kif wieħed eżempju għandu jarmi inqas skart u jirriċikla aktar. Hija spjegat kif kull ma jkun hemm bżonn huwa li l-kunsill u wasteserv jaqblu fuq data ta' meta jistgħu jsiru dawn is-sezzjonijiet ħalli jsir reklamar u individiwi interessati jirreġistraw sempliċiment billi jagħtu l-indirizz tal-imejl tagħhom.

15.14.2.2 Is-Sindku qal li diment li b'xejn huwa ma jsibx oġġezzjoni li dawn jsiru u s-Sinjorina Lorraine Farrugia għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha għall-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv. Il-Kunsilliera l-oħra qablu wkoll.

15.14.3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għaddiet suġġeriment ieħor biex jsiru mini bring-in-sites bil-camera fi Triq Carmelo Farrugia fejn il-blokka appartamenti li telgħat ġdida. Dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ mis-Sindku u l-kumplament tal-kunsill u kemm il-darba l-kunsill jikkunsidra din il-proposta fil-futur, żgur li għandu jinstab post alternattiv li huwa aktar addattat.

15.14.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet it-tielet kumment tagħha fejn talbet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħatu lil ħaddiema jiċċekjaw il-bankijiet ta' fejn l-istatwa ta' San Pietru għax hemm xi boltijiet ħerġin minnom. Hija talbet biex dawn isiru bankijiet ġodda u anke pproponiet li jsiru żewġ bankijiet ġodda oħra pero bix-xelter fuqhom fejn il-Mitħna peress li l-bankina issa twessat daqsxejn.

15.14.4.2 Is-Sindku għamel kumment fuq din il-proposta tal-bankijiet, fejn qal li alissa l-kunsill ser ikun qed jerġa jaħdem u jixkatla u jiżbogħ mill-ġdid il-bankijiet eżistenti li hemm fil-pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Wara dan qal li t-tieni priorita hija li jinbidlu l-bankijiet li hemm fl-akwata tal-housing estate għaliex dawk huma l-agħar bankijiet li hemm fir-raħal. Għalhekk il-bankijiet il-ġodda li semmiet is-Sinjorina Lorraine Farrugia alissa ser jitpoġġew fuq il-lista ta' xogħlijiet pendenti li għandu l-kunsill.

15.14.5.1 Il-Kunsillier Calcedonio Cini għamel rimarka dwar il-fanali li qed jitweħlu fir-raħal u li ser ikomplu jsiru. Is-Sindku qal li riċenti saru erba fanali ġodda fi Triq id-Dejqa u issa ser isiru erba oħra fi Triq Enejja. Huwa qed jimmira biex il-fanali kollha li baqa jinbidlu fir-raħal jitlestew sal-festa tas-Salvatur.

15.14.6.1 Il-Kunsiller Zahra staqsa jekk il-ġonna u l-latrini pubbliċi nfetħux peress li ġew irrilaxxati ħafna miżuri kontra COVID-19. Is-Sindku wieġeb li dan huwa punt li diġa ġie klarifikat fil-komunikazzjoni tas-sindku u reġgħa kkonferma li kemm il-ġonna u kif ukoll il-latrini pubbliċi reġgħu nfetħu għall-pubbliku.

15.14.7.1 Il-Kunsillier Zahra għamel rimarka żgħira oħra. Huwa qal li peress li Lija Athletic ħadu l-league u l-kamra tan-nar San Mikiel għalqet 40 sena minn meta saru champions tan-nar, qed jipproponi jekk il-kunsill jistax itella serata għalihom it-tnejn, eżempju fil-Ġnien Rikreattiv, u dan biex tiġi ppreżentata t-tazza tal-league lil Lija Athletic u fl-istess ħin tinħoloq lejla Malta bil-preżenza ta' xi band.

15.14.7.2 Is-Sindku qal li dwar din il-proposta diġa avviċinah xi ħadd mill-klabb tal-futbol fejn espriema x-xewqa li ssir din l-attivita. Is-Sur Dalli żied jgħid li huwa ma jsibx problema li tingħata t-tazza tal-league pero li l-kunsill joħloq serata Maltija mill-ftit fondi allokati lilu hija xi ħaġa mpossibbli. Is-Sindku qal fejn jista l-kunsill jgħin pero li jħallas l-ispejjes tas-serata kollha hu ma jistax jkun għax il-kunsill għandu spejjes oħra kif ġie klarifikat diġa aktar kmieni fis-seduta. Barra minn hekk wieħed xorta jrid joqgħod attent li meta jsiru xi serati dawn ikunu in-regola mal-avviżi tad-dipartiment tas-saħħa u tinġieb l-approvazzjoni mingħand dan id-dipartiment minn qabel.

15.14.8 Il-laqgħa ntemmet fil-5:50pm.

15.14.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |